MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Appell Kriminali Numru. 178/2013

**Appell Numru: 178/2013**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Anthony Agius]**
**Vs**
***Omissis***
**Nazzareno Camilleri**

Illum, 31 t'Ottubru, 2013

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Nazzareno Camilleri, detentur tal-karta tal-identita bin-numru: 182453M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli, flimkien ma *omissis:*

Fis-17 ta' Novembru, 2008 ghall-habta tad-09:00hrs u matul dawn il-granet u l-granet ta' qabel go Garaxx u Ave Maria fi Triq Dun Bartolomew Attard, Zebbug:

Hallew katusi tal-ilma tax-xhita li jkunu komunikati mad-drenagg u b'hekk l-ilma tax-xita jibqa` sejjer ghall-gewwa d-drenagg u dan minghajr permess tal-Awtoritá Sanitarja.

Il-Qorti giet mitluba barra milli taghti l-piena tordna l-esekuzzjoni tal-ligi taht penali li jidrilha xierqa fin-nuqqas.

Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija fil-11 ta' April, 2013, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 97F (1) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta u wara li rat il-provi prodotti u semghet ix-xhieda mressqa, sabet lill-imputati hatja, ikkundannathom multa ta' mitejn euro (€200) kull wiehed u ordnat li x-xoghol rikjest isisr fi zmien tlett xhur. Ix-xoghol ghandu jsir bi spejjez ugwali that is-sorveljanza tal-Perit Valerio Schembri u that penali ta' mitt Ewro (€100) kuljum fin-nuqqas.

Il-Qorti spjegat il-protata ta' din is-sentenza lil hatja.

Rat ir-rikors tal-appellant Nazzareno Camilleri minnu pprezentat fit-23 ta' April, 2013 fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti u tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni u htija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant w cioe':-

1. Fl-ewwel lok in-nullitá tas-sentenza peress li tmur kontra d-dettami tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali li jghid:

*'The Court in delivering judgment, shall state the facts of which he has been found guilty, shall award punishment, and shall quote the articles of this Code or any other law creating the offence'*

Bid-dovut rispett lejn l-ewwel Qorti, la l-fatti li taghhom l-appellanti instab hati ma ssemmew fis-sentenza u laqnas

l-artikoli tal-lgii ma gew indikati, dan bi pregudizzju kbir ghal-appellanti.

2. Fit-tieni lok l-esponenti kien sorpriz kif f'dik is-seduta huwa u l-koimputat l-iehor Mizzi inghataw sentenza. Apparti illi l-kawza ma kienitx differita ghas-sentenza, il-partijiet kienu waslu ghal transazzjoni madanakollu kienu ma ffinalizzawx. Il-partijiet kienu lanqas biss lahqu xehdu f'dawn il-proceduri. Is-sentenza inghatat meta l-partijiet lanqas kienu ghadhom ghalqu l-provi taghhom.

3. Fit-tielet lok, il-provi akkwiziti f'din il-kawza ma jwasslux ghall-htija tal-appellant.

Ikkunsidrat.

Irrizulta illi l-appellant jamministra mezzanin sovrastanti ghal fond, ossia garaxx jew workshop fil-livell tat-triq li minnu tigi gestita s-sengha ta' mastrudaxxa. Il-katusi naxxenti mill-fond ta' l-appellant cioe' s-sistema tad-drenagg u s-sistema ta' l-ilma tax-xita jinghaddu flimkien u finalment huma konnessi mas-sistema tad-drenagg orizzontali u sotteranja li hemm taht il-wicc tal-konkos tal-garaxx ta' Joseph Mizzi. Jezistu rregolaritajiet illi bdew jigu ndirizzati fil-mori tal-kawza. L-appellant flimkien ma Joseph Mizzi gew akkuzati illi hallew katusi ta' l-ilma tax-xita li jigu kommunikati mad-drenagg biex b'hekk l-ilma tax-xita jibqa sejjer ghal gewwa d-drenagg u dan minghar il-permess ta' l-Awtoritajiet Sanitarji. B'Sentenza moghtija fil-11 ta' April, 2013 il-Qorti sabet lill-appellant u lil Joseph Mizzi hatja u kkundannathom ghal €200 kull wiehed u ordnat illi x-xoghol irid isir fi zmien 3 xhur ghas-spejjes indaqs taghhom taht is-sorveljanza tal-Perit Valerio Schembri taht penali ta' €100 kulljum fin-nuqqas. L-appellant Nazzareno Camilleri hassu aggravat minn din is-Sentenza u minnha nterpona appell, l-ewwel aggravju tieghu hija n-nullita tas-Sentenza peress li dina tmur kontra d-dettami ta' l-Artiklu 382 tal-Kodici Kriminali.

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti kienet pjuttost perplessa meta giet biex tiddeciedi din l-eccezzjoni peress illi jezistu zewg verzjonijiet ta' din is-Sentenza, wahda permezz ta' verbal a fol 134 ffirmata mid-Deputat Registratur u ohra a fol 135 iffirmata mill-Magistrat. L-appellant jghid illi meta gie biex jaghmel l-appell l-unika kopja tas-Sentenza li nghata kienet kopja ta' dak il-verbal a fol 134 fejn id-Deputat Registratur nizzel taht forma ta' verbal is-Sentenza illi kien qieghed jiddetta l-Magistrat. Wara li gie registrat min deher ghal dik is-seduta l-verbal ikompli jghid *"Il-Qorti tordna li x-xoghol rikjest waqt li ssibhom hatja tu tikkundannahom multa ta' €200 kull wiehed qed tordna li x-xoghol rikjest isir fi zmien 3 xhur mil-lum ghas-spejjes indaqs taht is-sorveljanza tal-Perit Valerio Schembri taht penali ta' €100 kulljum fin-nuqqas.*

*Il-kawza deciza."*

Din il-Qorti diga kellha okkazjoni tirrileva illi l-kopja tas-Sentenza illi taghmel stat fil-konfront tal-partijiet hija dik iffirmata mid-Deputat Registratur u mhux dik iffirmata mill-Magistrat li jibqghu biss appunti u tibqghu propjeta tal-Magistrat li jkun kitibhom. Fil-kawza Il-Pulizija kontra Albert Bezzina deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-25 ta' Lulju, 1994 il-Qorti qalet fost affarijiet ohra, *"Fuq dan il-punt il-Qorti tosserva li la l-Artiklu 377 (1) u lanqas l-Artiklu 382 ma jirrikjedu li s-Sentenza tinkiteb mill-Magistrat; dak li trid il-Ligi hu dak illi <u>jghid</u> il-Magistrat meta jaghti s-Sentenza jigi registrat u riprodott fil-kopja tas-Sentenza. Dak illi hemm fuq il-komparixxi huma l-appunti tal-Magistrat, mhux is-Sentenza, u bejn dawk l-appunti u l-kopja ufficjali tas-Sentenza ma hemmx kontradizzjonijiet."* (ara wkoll Il-Pulizija vs Raymond Parnis appell kriminali 2 ta' Mejju, 2012). Quindi li kieku kellna noqghodu fuq id-dettami ta' dawn is-Sentenzi l-kopja ufficjali tas-Sentenza hija dik li tinsab a fol 134 redotta f'forma ta' verbal tal-11 ta' April, 2013. Il-verzjoni l-ohra tas-Sentenza a fol 135 hija ffirmata biss mill-Magistrat u mhux mid-Deputat Registratur u quindi din il-kopja ma tistax taghmel stat fil-konfront tal-partijiet u tibqa dik biss illi hemm f'forma ta' verbal. Din is-Sentenza, jekk tista tissejjah hekk, hija nieqsa ghal kollox mill-kweziti illi titlob il-Ligi x'ghandu jkun

fiha s-Sentenza u cioe' *"Il-Qorti meta taghti s-Sentenza kontra l-imputat ghandha tghid il-fatti illi taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-Artiklu ta' dan il-Kodici jew ta' kull Ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat."* Din is-Sentenza kif tidher a fol 134 fiha nuqqas ta' formalita sostanzjali li twassal ghan-nullita taghha.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta u tiddeciedi illi tilqa l-appell, tirrevoka s-Sentenza appellata u tordna l-presegwiment tal-kawza bi smieh mill-gdid tal-mertu.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------